**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

MAĠISTRAT DR. ANN MARIE THAKE
LL.B., Adv. LL.M., LL.D.

Illum, l-14 ta' Ġunju 2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliot Magro)**
**vs**
**Larson Manoel Mizzi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Larson Manoel Mizzi,** imwieled Cospicua nhar it-30 ta' Marzu 1996 u detentur tal-karta ta' l-Identita bin-numru 0154096M;

Akkużat talli nhar it-3 ta' Awissu 2023 għal ħabta ta' 14:15hrs ġewwa Marsaskala

1. Kien fil-pussess jew kellu fil-kontroll tiegħu jew żamm kampjuni ta' għasafar, kemm ħajjin jew mejtin, jew xi parti li tista' tingħaraf jew derivattivi ta' x igħasfur li mhux inklużi fl-Iskeda II jew fl-ISkeda III ċioe` Kuċċarda (European Honey-Buzzard, pernis apivorus) li tali speċi hija mniżżla taħt Skeda 1 ta' L.S. 549.42, u għaldaqstant mogħtija protezzjoni speċjali; u meta dak l-għasfur ma kienx ġie important legalment skont id-disposizzjonijiet tar-Reg 6(1)(a), jew ġie meħud jew akkwistat legalment fi Stat Membru jew imrobbu fil-magħluq u dan bi ksur ta' Reg 4(1)(e) (ii-iv) ta' L.S. 549.42;
2. U aktar talli fl-istess data, ħin, u ċirkostanzi, kien fil-pussess ta' Kuċċarda (European Koney-buzzard, pernis apivorus) mingħajr ma żamm fil-pussess tiegħu u għal kull żmien li dam fil-pussess tal-kampjun, il-permessi, ċertifikati, u kull document ieħor li jipprovaw

> għas-sodisfazzjoni tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi, li dak il-kampjun ma ġiex akkwistat kontra d-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti bi ksur ta' Reg 6(3) ta' L.S. 549.42.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament u rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-każ;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat**

Din il-kawża tirrigwarda allegat pussess illegali ta' kuċċarda (European honey-buzzard, pernis apivorus). Mhuwiex kontestat mid-difiża li meta saret spezzjoni fid-dar tal-imputat nhar it-3 ta' Awissu 2023 huwa kien fil-pussess ta' din it-tajra, li ma kinitx mlibbsa ċurkett u ma kellhiex microchip, u li ma kellu l-ebda permess, ċertifikat jew dokument ieħor li juri li l-imputat ġie fil-pussess ta' din it-tajra legalment. L-imputat saħansitra xehed f'dawn il-proċeduri u stqarr li din it-tajra kienet ilha għandu xi tlett xhur għaliex kien sabha feruta u kien dewiha. Mill-provi jirriżulta li huwa minnu li t-tajra kienet ġiet feruta xi tlett xhur qabel instabet fil-pussess tal-imputat, u dan kif jidher mir-rapport tal-veterinarja Dr. Eurydike Kovacs immarkat bħala Dok EM1.

Id-difiża qajmet punt preliminari fis-sens illi fl-atti m'hemmx prova suffiċjenti li l-kuċċarda li nstabet fil-pussess tal-imputat tikkombaċa mat-tip ta' kuċċarda indikata fl-akkuża, u ċioe European honey-buzzard jew pernis apivorus. Il-Qorti tirrileva li d-difiża hija żbaljata meta targumenta li Karl Cauchi, uffiċjal mill-WBRU, ma identifikax it-tarja bhala pernis apivorus. Fir-rapport redat minn Karl Cauchi, li ġie kkonfermat bil-ġurament tiegħu quddiem il-Qorti, huwa jirraporta hekk:

> "*On the 10th August 2023, PEU officers contacted WBRU Compliance Team so as to assist in identifying a bird which was seized on 3rd August from Fl 3, St. Michael's Court, Triq is-Skiet, Marsaskala from Larson Manoel Mizzi (0154096M). The bird was taken to Ghadira Nature Reserve for rehabilitation where on 11th August 2023, **it was identified to be a European Honey-Buzzard (Pernis apivorus)** by WBRU and ERA officers.* […]" [enfażi u sottolinear tal-Qorti].

Kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Mary Haber** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-14 ta' Frar 2013 l-indikazzjoni tal-

ispeċi tal-għasfur mertu tal-kawża hija kostatazzjoni ta' stat ta' fatt, u għalhekk tista' ssir minn xhud mhux espert. Din il-kostatazzjoni ta' stat ta' fatt, u ċioe l-identita tat-tajra mertu ta' dawn il-proċeduri, saret minn Karl Cauchi, uffiċjal tal-WBRU, u l-korrettezza tagħha ma hija kontradetta minn xejn li jinsab fl-atti. Għaldaqstant din il-linja difensjonali qed tiġi skartata.

Id-difiża targumenta wkoll li l-imputat ma jistax jinstab ħati li kien fil-pussess tal-akkuża kif dedotta kontra tiegħu peress illi huwa kien iħalli l-gaġġa miftuħa u skont ix-xhieda tiegħu il-kuċċarda kienet tmur fuq xi bjut ta' nies oħra u tmur lura, u għalhekk ma jirriżultawx il-pussess jew il-kontroll li trid il-liġi. Il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument. Dakinhar tat-3 ta' Awissu 2023 it-tajra in kwistjoni instabet fil-pussess tal-imputat, u dan mhuwiex kontestat mill-imputat. Jekk il-gaġġa kinitx tinżamm miftuħa jew li huwa irrelevanti, għaliex fid-data u l-ħin tal-akkuża din it-tajra kienet tinsab fil-pussess tal-imputat. Tajra bħal dik in kwistjoni hija protetta u ma tistax tinżamm għal ebda ħin fil-pussess jew taħt il-kontroll ta' persuna jekk mhux fiċ-ċirkostanzi indikati fil-paragrafi (i) sa (iii) tar-Regolament 4(1)(e) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42.

Għalhekk il-prosekuzzjoni seħħielha tipprova sal-grad rikjest mill-liġi l-elementi kollha li jsawru l-akkużi mertu ta' din il-kawża. Skont ir-regolament 4(1)(e) f'dan l-istadju jdur fuq l-imputat l-oneru li jipprova li l-pussess tat-tajra in kwistjoni kien wieħed legali, ħaġa illi m'għamilx.

Fir-rigward tal-piena d-difiża ssottomettiet li f'dan il-każ jeżistu ċirkostanzi eċċezzjonali li għandhom iwasslu lil din il-Qorti sabiex tagħti piena inqas mill-minimu, peress illi dan huwa każ ġenwin ta' Samaritan tajjeb li għamel li għamel biex jgħin lil tajra feruta. Id-difiża tissottometti illi meta ġiet eżaminata t-tajra ma rriżultax li kellha "xi tiri jew xi ċomb fiha jew xi sinjali li dawn sparawlha fuqa," li kienet miżmuma tajjeb u filfatt instabet fi stat ta' saħħa tajba. Il-Qorti tosserva pero illi fir-rapport ta' Dr. Eurydike Kovacs jingħad illi "*The* ***bird was shot*** *a minimum of three months prior…"* [enfażi u sottolinear tal-Qorti], u waqt ix-xhieda tagħha fis-seduta tal-5 ta' April 2024 indikat li kien hemm traċċi ta' *shotgun pellets*. Il-Qorti tosserva wkoll li mill-istess rapport jirriżulta li t-tajra instabet "*with…both wings clipped."* Huwa minnu li l-istess Dr. Kovacs xehdet li t-tajra kienet fi stat raġonevolment tajjeb, iżda l-Qorti ma tistax ma tieħux in konsiderazzjoni iċ-ċokon tal-gaġġa li kienet tinsab fiha u l-fatt li t-tajra sofriet dannu permanenti fil-ġogħog ta' gwinħajha li kien qiegħed iżommha milli tiftaħ l-istess ġwejnah b'mod

għalhekk illi qatt ma setgħet tiġi meħlusa lura fis-selvaġġ għaliex ma setgħetx ittir. Ikkonsidrat li l-imputat mhuwiex veterinarju, u kkonsidrat li kien jaf li ma kienx legali għalih li jieħu din it-tajra selvaġġa, bħala Samaritan tajjeb kien iċċempel lill-awtoritajiet biex jagħtu lit-tajra l-kura li kellha bżonn, u mhux joħodha hu illegalment u jżommha ġo gaġġa żgħira. Inoltre, ikkonsidrat li t-tajra mhux biss kellha dan id-dannu fil-ġwejnah tant li ma setgħetx tifthu, iżda wkoll kellha *clipped wings,* il-Qorti tqis li assolutament mhuwiex verosimili li din it-tajra kienet liberament ittir għal fuq il-bjut ta' nies oħra. Ikkonsidrat dan kollu l-Qorti ma tqis li jeżistu dawk iċ-ċirkostanzi speċjali u eċċezzjonali li jiġġustifikaw l-imposizzjoni ta' piena inqas milli minimu.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat ir-regolamenti 4(1)(e), 6(3) u 27 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu, tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500) li tista` titħallas permezz ta' pagamenti mensili u konsekuttivi ta' ħamsin (€50), u tordna l-konfiska tal-għasfur u l-gaġġa indikati f'Dok jEM5, u s-sospensjoni ta' kull liċenza jew permess maħruġ taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għal tlett snin.

Ann Marie Thake
Maġistrat

Ylenia Spiteri
Deputat Reġistratur